*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/PR/12/28

# Statistiċi ġodda ta' reġistrazzjoni tar-REACH disponibbli

## L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) qed tippubblika statistiċi ddettaljati dwar l-oriġini u t-tipi tad-dossiers ta' reġistrazzjoni tar-REACH u s-sustanzi kimiċi reġistrati. Permezz ta' dan, il-pubbliku Ewropew ser jifhem aktar dwar l-attività ta' reġistrazzjoni. L-ECHA ser taġġorna l-istatistiċi darba fix-xahar.

**Ħelsinki, 3 ta' Ottubru 2012 –** L-istatistiċi l-ġodda dwar ir-reġistrazzjonijiet tar-REACH jipprovdu stampa aktar ċara permezz ta' informazzjoni speċifika tal-volum totali ta' reġistrazzjonijiet li ntlaqgħu bejn Ġunju 2008 u l-31 ta' Awwissu 2012. Il-volum totali ta' reġistrazzjoni jinkludi wkoll notifiki ta' sustanzi kimiċi sottomessi skont il-leġiżlazzjoni kimika Ewropea preċedenti (NONS) u li huma kkunsidrati reġistrati skont ir-REACH.

L-ECHA qiegħda tippubblika din l-informazzjoni biex twieġeb talbiet li rċeviet minn imsieħba rigward il-progress fil-proċess ta' reġistrazzjoni. L-Aġenzija tittama li permezz tal-pubblikazzjoni tal-oriġini u t-tipi ta' reġistrazzjonijiet li rċeviet tkun qiegħda żżid it-trasparenza.

L-informazzjoni tinkludi:

- in-numru globali ta' reġistrazzjonijiet u sustanzi kimiċi rreġistrati (ta' introduzzjoni gradwali (phase-in), mhux ta' introduzzjoni gradwali (non phase-in);
- in-numru ta' sustanzi kimiċi notifikat lill-awtoritajiet ta' Stat Membru kompetenti skont il-leġiżlazzjoni kimika Ewropea preċedenti (Direttiva 67/548/KEE) u l-istatus attwali tagħhom skont ir-REACH;
- in-numru ta' reġistrazzjonijiet skont:
    - it-tip ta' reġistrazzjoni (reġistrazzjoni sħiħa jew reġistrazzjoni intermedjarja);
    - sottomissjonijiet konġunti jew sottomissjonijiet individwali;
    - daqs tal-kumpanija;
    - rwol tal-kumpanija fil-katina tal-provvista;
    - pajjiżi tal-UE/ŻEE.
- l-aktar sustanzi kimiċi komuni rreġistrati;

- Is-sustanzi kimiċi reġistrai skont il-limitu ta’ tunellaġġ totali.

L-istatistiċi huma ppubblikati fuq is-sit tal-ECHA fit-taqsima ‘Informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi’, u jistgħu jitniżżlu bħala dokumenti PDF. Is-sustanzi kimiċi identifikati mill-industrija li jridu jkunu rreġistrati mhux aktar tard mill-31 ta’ Mejju 2013 jistgħu jinstabu fil-paġna ta’ kampanja tar-REACH.

## Aktar informazzjoni

**Statistiċi ta’ reġistrazzjoni**
http://echa.europa.eu/information-on-chemicals/registration-statistics

**Sustanzi kimiċi rreġistrati**
http://echa.europa.eu/information-on-chemicals/registration-statistics

**Il-paġna tal-kampanja tar-REACH 2013**
http://echa.europa.eu/mt/reach-2013